VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,511, 27 ta' Novembru, 2009
Taqsima B

A.L. 345 tal-2009

KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 121 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bil-kunsens tal-Prim Ministru, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dxxiplina) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1999 tal-Kummisssjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatatment.

Jemenda parti mir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, safejn jirrigwarda t-tifsir tal-kelma "Segretarju", għandu jiġi emendat kif ġej:

"Segretarju" tfisser is-Segretarju Eżekutiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Emenda għar-referenzi għas-segretarju.

3. Il-kelma "Segretarju" kull fejn tokkorri fir-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Segretarju Eżekutiv".